


FESTI SOLENNI LI JSIRU
FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA

F'ĠIEH

# SANTA MARIJA

## PATRUNA TAR-RAHAL

**30 ta' LULJU sat-22 ta' AWISSU, 1967**

P R O G R A M M

## FESTI FIL-KNISJA

**30 ta' Lulju — Ftuħ tal-Kwindiċina**

Fis-6.00 p.m. Għasar solenni. Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

**6 ta' Awissu — Ħruġ tal-Istatwa**

Fil-5.15 p.m. Għasar solenni, Prietka, Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali. Wara l-Barka jsir il-Ħruġ tal-Istatwa ta' S. Marija minn niċċa tagħha. Kant tal-AVE MARIS STELLA u Antifona. Wara jkun hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali it-Tberik tal-Istendard ġdid Kanadiż mill-Kappillan tal-Parroċċa.

**11 ta' Awissu — L-ewwel Jum tat-Tridwu**

Fis-6-30 p.m. Għasar solenni, Prietka mill-W.R. Patri Elija Vella O.F.M.Conv., S.Th.L., Kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali.

**12 ta' Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridwu**

Fis-6.00 a.m. Quddiesa Kantata Solenni. Fis-6.30 p.m. Tibda l-Funzjoni ta' filgħaxija. Kollox bħal ma hemm fil-Jum ta' qabel.

**13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridwu**

Funzjonijiet u ħinijiet bħal ma hemm fil-Jum ta' qabel

**14 ta' Awissu — LEJLET IL-FESTA**

Fis-7.30 a.m. Quddiesa Kantata Solenni mill-Kappillan tal-Parroċċa, W.R. Dun **Karm Bianco** S.Th.D., Ph.L., Dip.Lat(Greg.). Kant tat-TE DEUM b'ringrazzjament u konklużjoni tat-Tridwu, Innu u Antifona. Fis-6.00 p.m. Translazzjoni Solenni tar-Relikwija u Primi Vespri Pontifikali bil-mużika immexxija mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. **Emm. Gerada** B.A., Lic.D., J.C.D. Isqof Awżiljarju ta' Malta Kompieta u Barka Sagramentali.

**15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA**

Fl-4.00 a.m. Quddiesa Parrokkjali mill-Kappillan. Fil-5.30 a.m. Kant ta' Matutin Solenni. Fis-6.00 a.m. Quddiesa letta bi Tqarbin Ġenerali għall-Kbar. Fis-7.15 a.m. Quddiesa letta bi Tqarbina Ġenerali għat-Tfal. Fid-9.00 a.m. Kant ta' Terza. Quddiesa Kantata Solenni bil-mużika iċċelebrata mill-Ill.mu u Rev.mu Mons. Paolo Galea B.L.Can., D.D. Wara l-Vanġelu il-W.R. Kan. Antonio Zammit Gabaretta B.A., D.D., Dekan tal-Kapitlu tal-Birgu, jinseġ paniġirku ta' tifħir lil S. Marija Assunta. Fl-10.30 a.m. Toħroġ l-aħħar Quddiesa.

Fil-5.00 p.m. Sekondi Vespri Solenni bil-mużika, Kompieta, Proċessjoni bl-Istatwa artistika ta' S. Marija Assunta immexxija mill-istess Monsinjur. Fid-9.15 p.m. Dħul tal-Istatwa fil-Knisja u Barka Sagramentali li tingħata mill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma Mons. **Michele Gonzi** B.Litt., D.D., J.C.D., Arċisqof ta' Malta, bħala konklużjoni ta' Jum il-Festa. Wara l-Barka jkun hemm il-bews tar-Relikwija.

**22 ta' Awissu — Ottava tal-Festa**

Fis-6.00 p.m. Għasar Solenni, Reposizzjoni tar-Relikwija, TE DEUM u Barka Sagramentali.

Il-mużika ta' Lejlet u Nhar il-Festa tkun taħt id-Direzzjoni tal-W.R. Patri Edgar Gatt O.P., Mus.S.Lic.(Vat.).

Din is-sena ser jiżżanżnu għall-ewwel darba tmien fjuretti tal-granutell. Erbgħa minnhom għall-Artal Maġġur u l-erbgħa l-oħra madwar il-qabar tal-Istatwa, opri ta' ġenerożità mid-devoti ta' S. Marija Assunta.

Ninqdew b'din l-okkażjoni tal-Festa biex inħeġġu lin-nies tal-Parroċċa ħalli jidħlu fil-veru spirtu qaddis u reliġjuż tal-Festi kif trid Ommna l-Knisja Mqaddsa, billi jersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u tat-Tqarbin.

## TALBA QAWWIJA

**BIEX WIEĦED JAQLA MINN GĦAND**

# MARIJA

**IL-GRAZZJI LI JIXTIEQ**

**miktuba minn San Bernard**

Ftakar o Verġni Marija kollok ħniena, illi, kemm ilha wieqfa d-dinja, qatt ma nstama' li baqa' mnikket kull min fittex l-għajnuna tiegħek, kull min talbek b'fiduċja fil-ħemm u s-slaleb tiegħu. Hawn jiena mmela, mimli b'tama kbira fil-ħniena tiegħek, o Omm u Verġni tal-verġni, quddiemek ninxteħet, Lilek ngħajjat u bħala msejken midneb nitlob l-għajnuna tiegħek. La tistmerx talbi, ja Omm il-Verb Inkarnat, iżda ismagħni kollok tieba u ħenmini.

(300 jum Indulġenza kull darba u taħt il-kondizzjonijiet tas-soltu, Indulġenza plenarja darba fix-xahar għal kull min jgħid din it-talba kuljum).

## FESTI TA' BARRA

**30 ta' Lulju**—Wara l-funzjoni tal-Knisja, issir il-mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tal-**King George V** Band Club.

**6 ta' Awissu** — Wara l-ħruġ tal-Istatwa ta' S. Marija fil-Knisja, ikun hemm il-preżentazzjoni u t-tberik ta' Stendard Kanadiż, ġentilment mogħti lis-Soċjetà Santa Marija mill-kollaboratur u ammiratur tas-Soċjetà, is-Sur CARM SALIBA ta' Toronto, CANADA. Wara jsir riċeviment ad unur tal-okkażjoni fil-Każin **King George V.** Il-banda lokali tal-istess Soċjetà tagħmel marċijiet mat-toroq prinċipali tal-Imqabba u tesegwixxi programm fil-Pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-Surmast G. Martin A.M. L.C.M. Mixgħela tal-Knisja, Pjazza u tal-Każin **K... George V.**

**13 ta' Awissu** — Wara l-Funzjoni tal-Knisja, il-Banda **King George V** tagħmel marċijiet u ddoqq Programm fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela Ġenerali.

**14 ta' Awissu** — **Lejlet il-Festa.** Wara l-Funzjoni tal-Knisja ssir żjara mill-Eċċ.za Tiegħu Mons. Em. Gerada. Isqof Awżi jarju, u riċeviment fil-Każin **King George V.** Fit-8.00 p.m. Mixgħela Ġenerali tar-Raħal. Il-Baned "Queen Victoria" taż-Żurrieq u "Paola" tar-Raħal Ġdid, wara li jferrħu t-toroq tal-Imqabba bil-marċijiet, jagħmlu Programm fil-Pjazza tal-Knisja. Fl-10.00 p.m. Ħruq ta' murtali, beraq pront u tal-Kulur. Fil-11.00 p.m. Ħruq ta' Logħob tan-Nar artistiku li jagħlaq b'kaxxa Infernali.

**15 ta' Awissu** — **Jum il-Festa.** Fl-4 00 a.m. Mixgħela Ġenerali. Fil-5.00 p.m. il-Baned "Queen Victoria" u "G.M. de Paola" jagħmlu marċijiet u jdoqqu Programm fil-Pjazza tal-Knisja. Fis-6.30 p.m., waqt il-Ħruġ tal-Proċessjoni jindaqq Innu lil S. Marija Assunta bil-Kant ta' xebbiet tar-Raħal. Meta l-proċessjoni tasal ħdejn il-Każin **King George V,** il-Banda "Queen Victoria" ddoqq Innu lil S. Marija Assunta, miktub mir-Rev. Patri G.M. Ghigo S.J., mużika tas-Surmast G. Martin A.Mus. L.C.M. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Joe Fenech, flimk... mal-Kor tax-xebbiet mir-raħal. Waqt il-Proċessjoni isir sparar ta' musketterija, ħruq ta' Kaxxi Infernali, ta' Murtali tal-Kulur u ta' Beraq Pront.

Il-Logħob tan-Nar, il-Kaxxi Infernali, l-Murtali tal-Kulur u l-Beraq Pront huma kollha xogħol tad-dilettanti tas-Soċjetà S. Marija. Għall-okkażjoni tal-Festa ta' S. Marija Assunta ġie restawrat pedestall magħruf bħala l-"Inkoronazzjoni", maħdum fuq disinn ta' Abram Gatt u b'xogħol esegwit mill-Imqabbi John Ghigo fis-sena 1928. Ir-restawr sar mid-dilettanti tas-Soċjetà S. Marija. Ser jiġi mxandar fuq ir-Rediffusion sett ta' Marċi ġodda li ser ikunu mżanżna għall-ewwel darba fil-Festa mill-Banda **King George V.**

**SANTA MARIJA — ITLOB GHALINA**

Lux Press